**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**Vs**

**Osama Gushgel**

**Illum 4 ta' Diċembru 2023**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Osama Gushgel**, ta' nazzjonalità Marokkina, imwieled nhar l-4 t'April 2002, gewwa Rabat, Marokk, iben Bnadi u Fatima, detentur tan-numru tal-Pulizija 21G-070, residenti gewwa Hal-Far, talli fit-2 ta' Dicembru, u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer:

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'karta ta' l-identità Belġjana jew uza jew kellu dokument li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument falsifikat, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, provda prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, minghajr awtorità leggitima, uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument mehtieg għall-finijiet ta' l-Att ta' l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament; (i) il-Fedina Penali ta' l-imputat - Dok. "A"; (ii) Rapport tal-Pulizija dwar il-kaz - Dok. "B"; (iii) Stqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "C"; (iv) *Personal details form* ta' l-imputat - Dok. "D"; (v) Fotokopja tad-dokument iffalsifikat - Dok. "E"; (vi) Korrispondenza li saret bejn il-Pulziija - Dok. "F" u (vii) Id-dokumenf iffalsifikat - Dok. "G";

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli fit-2 ta' Dicembru, u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer: (1) iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'karta ta' l-identità Belġjana jew uza jew kellu dokument li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) u aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument falsifikat, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (3) u aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, provda prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta; (4) u aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, minghajr awtorità leggitima, uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument mehtieg għall-finijiet ta' l-Att ta' l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u għaldaqstant fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssibu ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk deddoti kontra tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena, il-Qorti filwaqt li hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati ammessi mill-imputat, hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, ikkoopera mal-Pulizija u rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli17(h) u 189 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(c)(f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbazata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**